MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1143/2005

**Christopher Azzopardi (ID212781M) u martu Christina Azzopardi**
**(ID330484M) ghal kull interess li jista' jkollha**

**Vs**

**British American Insurance Company (Malta) Limited (Reg. Nru C29086) f'isimha propju kif ukoll bhala rapprezentanti tas-socjeta' assikuratrici estera British American Insurance Company (Mtius) Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ippremettew illi:

Premess illi nhar is-6 ta’ Dicembru 2003 safa’ griehi bhala rizultat ta’ sparatura ta’ arma tan-nar waqt illi kienu fuq il-bahar ghal skopijiet ta’ kacca;

Premess illi bhala rizultat ta’ tali griehi l-atturi soffrew *damnum emergens* u *lucrum cessans,* konsistenti fost l-ohrajn fi spejjez medici u telf ta’ kapacita’ lavorativa konsegwenza ta’ debilita’ permanenti;

Premess illi l-konsegwenzi ta’ l-incident in kwistjoni jaghtu lok ghal dritt ghal kumpens ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ assiguratrici konvenuta British American Insurance Co. (Mtius) Limited, illum parti mill-portfolio rapprezentant mis-socjeta’ konvenuta British American Insurance Company (Malta) Limited (Numru ta’ Registrazzjoni C-29086);

Premess illi debitament interpellata sabiex jigi likwidat il-kumpens dovut lil l-attur skond il-polza ta’ assikurazzjoni tieghu, is-socjeta’ konvenuta pro et noe baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara l-konsegwenzi ta’ l-incident tas-6 ta’ Dicembru 2003 jaghtu lok ghal dritt ghal kumpens lil l-atturi ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjetajiet konvenuti jew lil min minnhom responsabbli ghall-hlas ta’ tali kumpens;

2. Tillikwida okkorrendo permezz ta’ periti nominandi l-kumpens dovut lil l-atturi u tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom ihallsu tali kumpens hekk likwidat;

Bl-imghaxijiet u spejjez legali skond il-ligi, rapprezentanti tal-konvenuti ngunti minn issa, u bir-rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pro et noe** a fol. 45 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara c-citazzjoni nulla u tillibera lis-socjetajiet konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi t-talbiet kif proposti fl-istess citazzjoni ma jistghux jirnexxu minhabba l-fatt illi c-citazzjoni kif inhi fformulata hija ekwivoka, oskura u incerta stante illi l-istess atturi naqsu milli jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq polza ta' l-assikurazzjoni specifika u ghalhekk minhabba tali nuqqas la dina l-Onorabbli Qorti ma tista tilqa' t-talbiet attrici u lanqas is-socjeta' konvenuta ma hija f'pozizzjoni li adegwatament tiddefendi ruhha kontra t-talbiet attrici;

2. Illi in linea preliminari wkoll, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza, minhabba *incompetentia ratione valoris* illi ai termini ta' l-artikolu 748 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) l-ammont ta' kumpens, minkejja li ma giex determinat mill-atturi fic-citazzjoni taghhom, jista' jigi determinat skond il-polza ta' l-assikurazzjoni li semmai torbot il-partijiet u l-imsemmi ammont ta' kumpens ma jista' qatt jisboq ammont li johrog mill-kompetenza tal-Qrati Inferjuri u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Ulterjorment, l-eccezzjonijiet illi jsegwu ser jinghataw subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dawn l-ewwel zewg eccezzjoni preliminari;

3. Illi s-socjeta' lokali British American Insurance Company (Malta) Limited ma tistax tigi msejha fil-kawza in vertenza sabiex tirrapprezenta lis-socjeta' estera u ma rceviet l-ebda mandat da parti ta' l-istess socjeta' estera biex tirrapprezentaha f'kwalunkwe kawza.

4. Illi ghal kull buon fini, is-socjeta' estera British American Insurance Company (Mtius) Limited m'hijiex legittima kontradittur fil-kawza odjerna minhabba illi kwalunkwe polza mahruga mill-istess socjeta' estera kienet giet ittrasferita lis-socjeta' British American Insurance Company (Malta) Limited ai termini ta'

trasferiment ta’ portafolio ta’ l-assikurazzjoni li sar fis-16 ta’ Jannar 2003 skond sentenza tat-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji li nghatat f’Dicembru 2002 u dana ifisser illi s-socjeta’ estera British American Insurance Company (Mtius) Limited ma ghad ghandha ebda obbligi favur id-detenturi tal-poloz ta’ assikurazzjoni mahruga minnha, minhabba illi dawk l-obbligi gew assunti mis-socjeta’ British American Insurance Company (Malta) Limited u ghalhekk is-socjeta’ estera ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati filfatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez minhabba illi l-ebda polza ta’ l-assikurazzjoni li setghet inharget favur l-attur Christopher Azzopardi m’hija applikabbli u ghalhekk ma tintitolax lil l-atturi jircievu l-kumpens minghand ebda mis-socjetajiet konvenuti minhabba danni li soffrew l-atturi a kawza ta’ l-incident li sehh fis-6 ta’ Dicembru 2003, u dan kif aktar ampjament ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ic-cirkostanzi partikolari ta’ l-incident li allegatament kien involut fih Christopher Azzopardi huwa espressament eskluzi mill-kopertura ta’ kwalunkwe polza ta’ l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ konvenuta assikuratrici, u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur Christopher Azzopardi ivvjola kundizzjoni fundamentali ta’ kull polza ta’ l-assikurazzjoni meta huwa kiser l-obbligu tal-*uberrimae fides* kif ukoll kundizzjonijiet ohrajn tal-polza u ghalhekk l-atturi mhux koperti minn ebda polza ta’ l-assikurazzjoni mahruga favur l-attur Christopher Azzopardi, u dan kif ser jigi aktar ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-likwidazzjoni tal-kumpens permezz ta’ perit nominandi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi ebda mis-socjetajiet konvenuti ma jistghu qatt ikunu tenuti

jhallsu somma varjata minn dik li giet stabbilita kontrattwalment bejn il-kontendenti;

9. Illi in vista ta’ dak fuq premess, ebda mis-socjetajiet konvenuti ma huma tenuti jhallsu ebda ammont.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw it-tieni eccezzjoni dwar l-inkompetenza *rationae valoris*.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Skond verbal tad-19 ta’ Mejju 2006 il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta’ l-kompetenza ta’ dina l-Qorti.

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li minhabba l-incident tas-6 ta’ Dicembru 2003 huma ghandhom dritt ghall kumpens a termini tal-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjetajiet konvenuti.

Fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jghidu li dina l-Qorti hija inkompetenti *rationae valoris* a tenur ta’ l-artikolu 748(b) tal-Kap 12 billi l-ammont ta’ kumpens, minkejja li ma giex determinat mill-atturi fic-citazzjoni taghhom, jista’ jigi determinat skond il-polza ta’ l-assikurazzjoni li semmai torbot il-partijiet u l-imsemmi ammont ta’ kumpens ma jista’ qatt jisboq ammont li johrog mill-kompetenza tal-Qrati Inferjuri. Il-massimu tal-beneficcju li l-atturi jistghu jiehdu miz-zewg policies BA1 u BA2 flimkien, ma jeccediex il-Lm5,000 (ara verbal a fol 52 u 61). Il-konvenuti ghalhekk qed isostnu li l-ammont huwa determinabbili skond il-polza u qatt ma jista jecceddi l-Lm5,000.

Skond il-verbal tad-19 ta’ Mejju 2006 Dr. Gauci ghall-atturi ddikjara li l-pretenzjoni attrici hija ta’ bejn Lm6,000 u Lm8,000.

Skond l-artikolu 747(1) tal-Kap 12 l-valur incert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata u jitqiesu bhala li ghandhom valur li ma jistax jigi determinat il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba ta' l-attur. (Kumm 29/3/1963 Aquilina vs Gatt).

Kif inhu maghruf, l-inkompetenza tal-Qrati Inferjuri minhabba l-valur tal-haga tigi determinata essenzjalment mill-att promotur, it-talbiet u l-premessi taghhom, ghax huma f'dawn, li b'mod generali, l-Qorti tezercita l-gudizzju taghha u allura l-kompetenza taghha ("Frank Refalo -vs- Jason Azzopardi et", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). Huwa minnu li jezistu kazijiet fejn il-kompetenza ma tiddependiex mid-domanda biss, imma anke mill-eccezzjoni u allura, kaz jista' jibda biex ikun ta' kompetenza tal-Qorti adita, izda jispicca, in vista tal-eccezzjoni, biex jirrendi dik l-istess Qorti, inkompetenti ("Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul noe", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996 u G.Borg vs M.Mizzi et App 5/11/1992 PA JSP ).

Fil-kaz in ezami, skond il-konvenuti (ara trattazzjoni) is-somma pretiza mill-atturi hija determinabbili mill-polza, u minn dak li huma diga nefqu. Jekk l-atturi jerga jinkorru aktar spejjez fil-futur, huma jistghu jerghu jitolbu lill-assikurazzjoni hlas a bazi ta' dawk l-ispejjez. Minn dan jidher li s-somma mitluba mill-atturi ghadha mhiex determinabbili.

L-atturi fil-fatt issottomettew li huma ghadhom mhux f'posizzjoni li jispecifikaw somma li hija dovuta lilhom bhala kumpens ghalkemm jistghu jghidu li t-talba taghhom hija fir-regjun ta' bejn is-Lm6,000 u Lm8,000.

Illi f'dan l-istadju ghalhekk il-Qorti qed tifhem li t-talba attrici hija ghal somma da likwidarsi u s'issa ghadha indeterminabbili minhabba li l-ispejjez ma jistghux ghal issa jigu specifikati. Ghalhekk il-Qorti qed taccetta li t-talba ta' l-atturi hija fil-kompetenza taghha.

Imbaghad jekk mir-rizultanzi tal-provi fis-smigh tal-kawza jinstab li d-dritt ta' l-atturi fil fatt kien limitat ghal somma icken, dan ma jalterax il-kompetenza ta' dina l-Qorti u jista' jinfluwixxi biss fuq il-kap ta' l-ispejjez ( App 17/11/1961 Carabott vs Curmi). Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz Gatt vs Mifsud XLV11 p1 p 406 App 4/11/63 fejn il-Qorti kienet iccensurat lill attur li kien ressaq kawza ghall likwidazzjoni ta' danni minkejja li kien jaf li l-oghla ammont ta' kumpens li seta' jiehu ma kien qatt jista' jeccedi ammont li johrog mill-kompetenza ta' dik il-Qorti Inferjuri.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti
U tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni.
Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------